# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Tlieta, 5 ta’ Diċembru, 2023**

**Numru 8**

**Rikors Numru 853/22TA**

**Concorde International Freight Fowarders Limited (C 11393)**

**vs**

**Garage Door Services Ltd. (C 53926)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta’ Concorde International Freight Forwarders Ltd (is-Soċjeta Attriċi) tal-20 ta’ Settembru 2022 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

“1. Illi s-socjeta’ intimata kienet ingaġġat lis-soċjeta attriċi sabiex tieħu ħsieb il-ġarr ta’ merkanzija minn l-Ewropa għal Malta, liema merkanzija kienet tikkonsisti f’aċċessorji u parts ta’ bibien kif ġie ndikat mis-soċjeta’ intimata;

2. Illi s-soċjeta’ attriċi pprovdiet servizzi ta’ ġarr ta’ merkanzija lis-soċjeta’ intimata mis-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) sa Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u dan wara li kienet irċeviet struzzjonijiet biex tipproċedi mingħand is-soċjeta’ intimata;

3. Illi nonostante li s-soċjeta' attriċi ttrasportat u waslet il-merkanzija lis-soċjeta' intimata, din tal-aħħar naqset milli tħallas lis-soċjeta' attriċi l-fatturi maħruġa mill-istess u liema fatturi jirrapreżentaw reżi fil-perjodu surreferit;

4. Illi l-ammont dovut lis-soċjeta' attriċi mis-soċjeta' intimata jammonta għas-somma ta' sitta u għoxrin elf tmien mija u tmienja u disgħin Ewro u seba' u sebgħin ċenteżmu (Eur26,898.77). Kopja tal-fatturi maħruġa mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' intimata kif ukoll *statement of account* qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati minn **Dokument 'CC1'** sa **Dokument 'CC17'**;

5. Illi nonostante li s-soċjeta' attriċi nterpellat lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas il-bilanċ dovut li jammonta għal sitta u għoxrin elf tmien mija u tmienja u disgħin Ewro u seba' u sebgħin ċenteżmu (Eur 26,898.77), l-istess soċjeta' attriċi baqgħet ma rċeviet l-ebda ħlas u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

6. Illi huwa fl-interess tas-soċjeta' attriċi illi din il-kawża tiġi deċiża skont it-talbiet bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi l-esponenti, bin-numru tal-Karta tal-Identita' b'numru 249878M bħala rappreżentant legali tas-soċjeta' Concorde International Freight Forwarders Limited (C 53926) jaf personalment dwar il-fatti kif dedotti u qiegħed jikkonferma bil-ġurament tiegħu, u sa fejn jaf hu, s-soċjeta' intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talbiet attriċi;

Għaldaqstant, is-soċjeta' intimata għandha tgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra opportuna, tilqa' s-segwenti talbiet billi:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara s-soċjeta' intimata debitriċi tas-soċjeta' attriċi Concorde International Freight Fowarders Limited (C 53926) fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf tmien mija u tmienja u disgħin Ewro u seba' u sebgħin ċenteżmu (Eur 26,898.77), bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, rappreżentanti spejjeż inkorsi għall-ġarr ta' merkanzija;

3. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma sitta u għoxrin elf tmien mija u tmienja u disgħin Ewro u seba' u sebgħin ċenteżmu (Eur26,898.77), bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż ġudizzjarji, inklużi dak tal-mandat ta sekwestru kawtelatorju bin-numru 1151/2022 fl-ismijiet premessi, kontra s-soċjeta' intimata li minn issa hija nġunta sabiex tidher in subizzjoni."

Rat li s-Soċjeta' Garage Doors Services Ltd (is-Soċjeta' konvenuta) notifikata kif trid il-liġi baqgħet ma deheritx quddiem din il-Qorti biex twieġeb għat-talbiet Attriċi.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet ix-xhieda imressqa mis-Soċjeta' Attriċi.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Din il-Kawża saret abbażi tal-proċedura sommarja speċjali u straordinarja, billi din il-Qorti intalbet id-dispensa tas-smiegħ tagħha kif jiddisponi l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.  Kif diġa' ingħad is-Soċjeta' konvenuta għalkemm notifikata baqgħet ma deheritx quddiem din il-Qorti biex twieġeb għat-talbiet u tgħid jekk kellhiex raġunijiet tajbin biex tikkontesta l-Kawża.

Rat l-atti kollha u semgħet lil Nicholas Xerxen jixhed, prodott mis-Soċjeta' Attriċi.  Dan spjega kif mill-ammont li qed jintalab ma tħallas xejn u li anke kien hemm drabi meta s-Soċjeta' Konvenuta wegħdet li ser tħallas iżda dejjem baqgħet inadempjenti fil-ħlas u għalhekk kellha ssir din il-Kawża.

Dan kollu jwassal lil din il-Qorti għall-konklużjoni li t-talbiet Attriċi għandhom jintlaqgħu.

## Decide

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawza bil-mod segwenti:

Fiċ-ċirkostanzi **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba.

**Tilqa' it-tieni talba** attriċi u tiddikjara s-soċjeta' konvenuta debitriċi tas-soċjeta' attriċi Concorde International Freight Fowarders Limited (C 53926) fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf tmien mija u tmienja u disgħin Ewro u seba' u sebgħin ċenteżmu (€26,898.77), bl-imgħaxijiet mill-presentata ta' din il-kawza sal-pagament effettiv.

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sitta u għoxrin elf tmien mija u tmienja u disgħin Ewro u seba' u sebgħin ċenteżmu (€26,898.77), bl-imgħaxijiet mill-presentata ta' din il-Kawza sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-kawża għas-Soċjeta' Konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**